L-Editur
riedni bilfors
nagħmel
DAĦLA
għal dan il-ktieb
għax qal
li hekk jixraq.

Kollox sew.
Hawn hi!
Din
hi d-Daħla.



*L-Awtur*
*Novembru 2010*

# I

## Ir-Re Karlu VII

Fil-pajjiż ta' Kartaksan, ma nafx hux fi żmienna jew qabel żmienna, kien isaltan ir-Re Karlu VII. Dan ma jfissirx li qablu kien hemm ir-Re Karlu I, ir-Re Karlu II … eċċetra … eċċetra.

Il-biċċa kienet hekk: Meta r-Re Karlu VII kien għadu prinċep ta' 13-il sena, fil-pajjiż kienet saret maratona kbira organizzata mill-*Għaqda Favur il-Pappagalli Għomja*. Ommu, ir-Reġina Maja I, kienet ordnatlu



mhux
biss li
jieħu sehem,
imma
wkoll li
jiġi l-ewwel.
Ir-Reġina kienet
ġiegħlet lis-
suldati
jitqassmu
matul it-
triq kollha,
moħbijin ġos-
siġar tal-
ħarrub u
ġol-qasab,
biex jaraw kif jagħmlu u jfixklu lil kull kompetitur li jkun se jaqbeż lill-Prinċep. U s-suldati rħilhom iwaddbu l-qxur tal-banana, jistiraw il-wajer minn naħa għal oħra tat-triq, joħorġu merħla mogħoż għal għarrieda, jilbsu ta' fatati u jagħtu l-qtajja'

… u l-Prinċep dejjem għaddej ilebbet 'il quddiem bla l-ebda tfixkil. Imma r-Reġina xejn ma kienet taf li għal dik il-maratona kienet daħlet tikkompeti Żarella ż-Żiffa, li kienet tiġri daqs żiffa riħ, Kalċidonju l-Berqa, li kien jiġri daqs berqa … u erbgħa oħra ma nafx x'jisimhom, li kienu jiġru daqs aħbar ħażina. U għalhekk, minkejja l-banana u l-wajer u l-mogħoż u l-fatati, Żarella daħlet l-ewwel, Kalċidonju daħal it-tieni, l-erbgħa ma nafx x'jisimhom daħlu t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitta … u l-Prinċep daħal is-seba'.

Din id-disfatta ta' binha l-għażiż, ir-Reġina tant ħaditha bi kbira li nxteħtet f'qiegħ ta' sodda, telgħalha deni ta' ljun (għax bħala reġina ma kienx jixraq jitlgħalha deni ta' żiemel) u mietet thewden u tilminta li binha żgur qatt ma kien ħaqqu jiġi fis-seba' post.

U hekk, ta' 13-il sena, il-Prinċep sab ruħu fuq it-tron.

U baqa' magħruf bħala r-Re Karlu VII.



Iżda jekk bħala prinċep, Karlu ma kienx kapaċi jtellaq, bħala Re beda sa minn kmieni juri ħila kbira, avolja kellu biss 13-il sena u bil-moħbi kien għadu jilgħab biż-żugraga u bil-*PlayStation Version 493*. Minnufih impjega għadd ta' persuni importanti fis-servizz tiegħu. U dawn jeħtieġ insemmihomlkom, għax xi wħud minnhom se jkollhom sehem importanti fl-istorja tagħna. Dawn kienu:

♦ Il-Bumbardier Irjali – li kien xogħlu jispara l-kanun ta' mitt tunnellata stazzjonat quddiem id-daħla tal-palazz.

♦ Is-Saħħar Irjali – li xogħlu proprju ħadd ma jaf sewwasew x'kien.

♦ Il-Blakkatur Irjali – li kien xogħlu jibblakka l-mitejn par żarbun li kellu r-Re (u li mija u tmenin minnhom ma kien jilbishom qatt għax kienu jweġġgħuh).

♦ Il-Kennies Irjali – li kien xogħlu jagħti kenn lin-nies.

♦ L-Arluġġar Irjali – li kien xogħlu jalloġġja l-foqra ġol-għerien.

♦ Il-Pumpier Irjali – li kien xogħlu jippompja l-ilma mill-kamra tas-sodda tar-Re kull meta tagħmel maltempata u s-saqaf jibda joqtor qisu bexxiexa.

♦ Il-Kaħħal Irjali – li kien xogħlu jsewwi l-bjut tal-palazz biex ma jibqgħux joqtru, u peress li kien dejjem jagħmel xogħol ta' kafkaf kellu jiġi impjegat il-Pumpier.

♦ Il-Qammiel Irjali – li kull nhar ta' Sibt kien jifli xagħar ir-Re għall-qamel u l-kokroċ.

Ma' dawn irridu nżidu wkoll:

♦ Il-Kok Irjali – li kien xogħlu ta' kok.



♦ Il-Brigadier Irjali – li kien xogħlu ta' brigadier.

♦ It-Tabib Irjali – li kien xogħlu ta' tabib.

U għadd bla tarf ta' sefturi, nisa, irġiel u tfal … u mara xiħa għakka li kienet traqqagħlu l-kalzetti.

Dawn kienu jqattgħu l-ġurnata kollha bilqiegħda fuq il-pultruni fil-kuritur ta' ħdejn l-uffiċċju tar-Re, biex malli dan isejħilhom isibhom pronti jaqduh. Biex jedhew u jkabbru l-intelliġenza tagħhom, kienu joqogħdu jaqraw il-gazzetti (fosthom *Is-Sagħtar* u *Tagħna t-Tfal*) kif ukoll il-kotba sfuljati tal-Librerija Rjali.

